**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 166/2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**-Vs-**

**RAMON ATTARD**

## Illum, 28 ta' Frar 2024

## Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **RAMON ATTARD**, ta' 25 sena, iben Ivan u Loraine Christine nee' Attard, imwieled PIeta' nhar l-4 ta' Jannar 1997 u li joqgħod 'Blossom Park', Blk C, Apartment 15, Triq tal-Papa, Birzebbugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 18597M, li ġie akkużat talli[1] :

[1] Ara akkużi kif korretti, paġna 111 tal-atti tal-kawża.

1. **Nhar is- 27 ta' Marzu, 2022 għall-ħabta tat-3.30pm. gewwa gnien il-Gnien il-Gublew, konfinanti, fost oħrajn, ma Triq l-Indipendenza, Pieta u Triq Nazzjonali, Ħamrun**, ikkommetta serq ta' flus u mobile phone tal-marka Samsung, u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37) għad-dannu ta' Pierre Caruana, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita ' u/jew entitajiet oħra.

2. **Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat f'akkuża nru. 1**, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu car, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Pierre Caruana, liema ġrieħi huma ta' natura hafifa salv kumpilazzjonijiet, skond kif iċċertifikat Dr Stephanie Brincat M.D. (Med Reg no. 4692) mill-Poliklina tal-Floriana.

3. **Nhar is-27 ta' Marzu, 2022 għall-ħabta tas-1.p.m, f'apartamenti Yact Marina, Blk 5, Telgħet Gwardamanga u/jew f'Telgħet Gwardamanga, Pieta,** mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu car, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Maureen Elizabeth Tabone, persuna ta' 63 sena, liema ġrieħi huma ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)a tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, skond kif iċċertifikat Dr Stephanie Scerri M.D. (Med Reg. no. 4005) mill-Poliklinika tal-Floriana, kif ukoll ġrieħi ta' natura ħafifa, salv kumpilazzjonijiet, fuq il-persuna ta ' Anand Bahadur Dangi, hekk kif iċċertifikat minn Dr Stephanie Scerri M.D. (Med. Reg. no 4005) mill-Poliklinika tal-Floriana.

4. **Nhar is 26 ta' Marzu, 2022, għall-ħabta tat-8.45pm ġewwa Ġnien il-Ġublew, konfinati, fost oħrajn, ma' Triq l-Indipendenza, Pieta u Triq Nazzjonali, Ħamrun**, u/jew fid-dintorni ta' l-istess post, ikkometta serq ta' flus u mobile

phone, u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' David Parnis, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' entita' u/jew entitajiet oħra.

5. **fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat f'akkuża nru. 4** ,mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' David Parnis, liema ġrieħi huma ta' natura gravi, ai termini ta' l-Artikolu 216(1)a tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skond kif ċertifikat minn Dr John Bondin (Med. Reg no.4186) mill-isptar Mater Dei.

6. **Nhar is-26 ta' Marzu, 2022, għall-ħabta tad-9.15pm, ġewwa The Convenience Shop fi Triq San Luqa, Gwardamanga,** b'mezzi kontra l-liġi, jew għamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaga b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' David Parnis, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra liema ammont ta' ħsara hekk magħmula ma tiskorrix il-ħames mitt (€500) Euro.

7. **fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikati f'akkuża nru. 6,** bi ħsara ta' David Parnis u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra, għamel xi qligħ ieħor, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema qligħ hekk magħmul ma' jiskorrix il-ħames mitt Euro.

8. **Nakkuzawh ukoll talli, nhar is-27 ta' Marzu, 2022, u/jew fil-jiem ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer** ikkommetta l-istess reati volontarji hawn addebitati, liema reati jġorru piena ta' priġunerija, fit-terminu operattiv ta' sentenza definittiva ta' priġunerija ta' ħmistax (15) il-xahar sospizi għall-sentejn , ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħtija fil-konfront tiegħu nhar l-24 ta' Mejju, 2021, mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit L.L.D

9. Finalment, nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' żewg sentenżi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' Mejju, 2021 u nhar l-14 ta' Gunju 2021.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet lill-Uffiċjali Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi kif korretti b'digriet tat-3 ta' Awwissu 2022 u semgħet lill-imputat fl-eżami jerġa' jwieħeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Frar 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 20, 261(a)(ċ), 262(a)(b)(2), 267, 274(ċ), 277(a), 279(a) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 214, 215 u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 214, 215 u 216 (1)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (fir-rigward tal-offiża gravi kommessa fuq Maureen Elizabeth Tabone) u fl-artikoli 214, 215 u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (fir-rigward tal-offiża ħafifa kommessa fuq Anand Bahadur Dangi);

Fl-artikoli 20, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(b), 277(a) u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(d)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 308 u 310 (1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 309 u 310 (1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 28B(1)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 15A, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

.....,

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2023 jeżentaw lill-Qorti kif preseduta mill-ħtieġa li terġa' tisma' lix-xhieda li kienu diġa' xehdu meta kienet diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda;

Rat it-traskrizzjonijiet tat-testimonjanza tax-xiehda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024 u rat id-digriet mogħti fl-istess seduta fejn ordnat lill-Uffiċjal tal-Probation sabiex tippreżenta rapport komprensiv dwar iċ-ċirkostanzi personali u

soċjali tal-imputat biex tagħti stampa ċara dwar il-potenzjal tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet tiegħu fil-komunita' soċjali u lavorattiva;

Rat ir-rapport/semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation, Marilyn Formosa;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'sensiela ta' reati vjolenti fuq medda ta' jumejn fejn aggredixxa diversi persuni bil-ħsieb li jisraqhom u dan kollu matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Qed jiġi mixli wkoll bħala reċidiv.

Qabel tibda tistħarreġ il-provi li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni, biex tistabbilixxi jekk ġietx ipppruvata l-ħtija tal-imputat għar-reati li ġie akkużat dwarhom, sejjer tibda biex tittratta l-materja mqanqla mid-difiża fit-trattazzjoni finali, dwar il-piż probatorju li għandu jingħata lill-istqarrija rilaxxata mill-imputat waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fit-28 ta' Marzu 2022 u dan għaliex skont id-difiża l-imputat kien fi stat ta' vulnerabbilita' minħabba li kien taħt l-influwenza tad-droga sintetika u għalhekk huwa nieqes l-element tal-volontarjeta' li l-liġi tqies bħala determinanti għal validita' tal-istess.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi din l-istqarrija saret wara li l-imputat kien ikkonsulta ma' avukat tal-għajnuna legali u ingħata d-dritt tas-silenzju kif ukoll l-ittra bid-drittijiet kollha legali tiegħu. Dan hu affermat mill-imputat innifsu waqt l-interrogazzjoni.

Ma jirriżultax mill-atti u mix-xhieda illi l-imputat għandu xi storja ta' mard mentali jew li kien qiegħed ibati minn xi mard mentali jew fiżiku. Għall-kuntrarju, fl-interrogazzjoni, rikordjata b'mod awdjo-viżiv, jidher li kien orjentat u ma wera ebda sinjal ta' ansjeta'. Anke jekk jirriżulta illi kien dipendenti fuq id-droga sintetika u kien

ikkonsma d-droga sintetika l-ġurnata u l-ġranet ta' qabel, madankollu ma jirriżultax illi dan il-konsum b'xi mod effettwalu l-kapaċita' li jifhem dak li kien qed jiġri, u huwa evidenti illi l-imputat kien ko-erenti f'dak li kien qed jgħid u jidher li qed jifhem tajjeb dak li qed jiġri madwaru. Lanqas jidher illi l-konsum tad-droga sintetika affettwalu l-memorja riċenti tiegħu għaliex evidentement, ftakar kull ma kien seħħ fl-aħħar tliet ijiem bl-irqaqat kollha, għalkemm dan ma jfissirx li d-droga ma kienetx qiegħda tħalli kull ma jmur, effett ħażin fuq saħħtu kif ġie imfisser fix-xhieda ta' Dr. John Spiteri. Madankollu, meta ttieħditlu l-istqarrija, ma jirriżultax li l-imputat kien f'xi stat ta' vulnerabbilita' illi jista' jxejjen dak minnu dikjarat għaliex ma jirriżultax illi l-istat ta' saħħa mentali u fiżika tiegħu kienet kompromessa.

Il-Qorti ma riskontrat ebda prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Dak iz-zmien huwa kellu xejn inqas minn ħamsa u ghoxrin sena u huwa wkoll evidenti minn ħarsa lejn il-fedina penali tiegħu li din mhijiex waħda netta u diġa' ġie kkundannat b'sentenza sospiża kif ukoll intab ħati ta' reati vjolenti, u għalhekk żgur mhux każ fejn qatt ma kellu qabel esperjenza ta' interrogazzjoni mill-Pulizija. Barra minn hekk, kif ingħad diġa' huwa fatt inkontestat ukoll illi l-imputat kien mogħti d-drittijiet kollha skont il-liġi qabel irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, liema drittijiet jidher li huwa fehem sew. Fil-fatt, jirriżulta li huwa kien ġie mgħarraf u kien jaf bir-reati li dwarhom ġie arrestat u kien sejjer jiġi interrogat, u dan anke qabel ikkonsulta mal-avukat tiegħu.

Fuq kollox, ma jidhirx illi meta rrilaxxa dawn id-dikjarazzjonijiet huwa lmenta illi kien taħt l-effett tad-droga – għall-kuntrarju huwa jirreferi għall-istat ta' moħħu fil-passat: "*kont naqra daħna*" u fl-ebda ħin ma indika li huwa kien għadu taħt l-effett tad-droga meta kien qed jiġi interrogat. Lanqas riskontrat ebda ħjiel li l-imputat ma kienx f'siktu jew skomdu jew kien fi stat li ma kienx f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni volontarja meta kien qed jiġi interrogat, jew li kien imbeżża' u ġie mġiegħel jew impoġġi taħt pressjoni biex jagħti l-istqarrija kontra r-rieda tiegħu u lanqas li seta' kellu xi grad baxx ta' intelliġenza ordinarja.

Kollox magħdud, il-Qorti tqis illi l-imputat ma jistax jilmentax illi l-istqarrija tiegħu hija b'xi mod ivvizjata minħabba d-dipendenza li huwa seta' kellu fuq id-droga jew il-fatt li seta' kien taħt l-effett tad-droga, u f'kull każ, dan il-fatt waħdu ma jirriżultax li qiegħdu f'xi stat ta' vulnerabbilita' u kif rajna ma hemm ebda prova li l-imputat hu persuna vulnerabbli.

**Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-istqarrija tal-imputat għandha tiġi skartata għaliex l-imputat kien fi stat ta' vulnerabbilita'.**

Dan stabbilit, għandu jingħad ukoll illi huwa minnu li l-imputat għamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti għalih f'din l-istqarrija, iżda wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni hija l-prova reġina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-ħtija tal-persuna akkużata b'reat kriminali, purche' l-istqarrija tkun saret volontarjament u ma ġietx imġiegħla, jew meħuda b'theddid, jew b'biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi, kif imfisser fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, intqal hekk:

*"Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-prova regina w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".*

**Iżda l-Qorti tosserva wkoll illi f'kull każ, il-verżjoni fl-istqarrija ta' Ramon Attard safejn tikkonċerna l-avvenimenti li seħħew matul il-jumejn bejn 26 u 27**

**ta' Marzu 2022, hija wkoll pjenament kompatibbli mal-verżjoni tal-vittmi u x-xhieda okulari u tistqarr ukoll illi anke jekk kellha twarrab kompletament l-istqarrija tal-imputat tat-28 ta' Marzu 2022 u ma tieħux qies tad-dikjarazzjonjiet magħmula minnu waqt l-interrogazzjoni, għandha biżżejjed provi quddiemha biex issib ħtija fl-imputat għar-reati li ġie mixli dwarhom.**

L-imputat xehed ukoll quddiem il-Qorti fid-9 ta' Ottubru 2023, iżda sostna li ma jiftakar assolutament xejn minn dak li ġara fil-jumejn bejn is-26 u s-27 ta' Marzu 2022 u ma għandu ebda rikollezzjoni tal-inċidenti vjolenti fejn weġġa' xejn inqas minn erba' persuni fi tliet inċidenti separati. Sostna illi din l-amnesija hija r-riżultat tal-konsum tad-droga sintetika li dak iż-żmien kien ipejjep regolarment u fil-jumejn in diżamina kien pejjep kwantita' sostanzjali ta' droga sintetika. Huwa stqarr li dak iż-żmien kien fi stat ħażin minħabba d-dipendenza tiegħu fuq id-droga sintetika u ilu jabbuża mid-droga u x-xorb alkoħoliku sa mill-2013.

Dr John Spiteri konsulent psikjatra li qed isegwi lill-imputat fil-preżent xehed dwar l-effetti tad-droga sintetika fuq il-moħħ u fisser kif din tikkawza delirium kif ukoll amnesija. Iżda fil-fehma tal-Qorti ix-xhieda ta' Dr. John Spiteri ma tistax ixxejjen l-istqarrija tal-imputat u l-fatti minnu mistqarra waqt l-interrogazzjoni għaliex huwa evidenti li sa dakinhar tal-interrogazzjoni, 28 ta' Marzu 2022, huwa kien għadu qed jiftakar sew dak kollu li ġara u evidentement, jekk kien hemm xi telf tal-memorja, dan seħħ biss sussegwentement, possibbilita' li ma ġietx eskluża mill-istess Dr. John Spiteri.

**<u>Reati fil-konfront ta' Pierre Caruana</u>**

L-imputat qed jiġi mixli li kkommetta serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur għad-dannu ta' Pierre Caruana u li kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa. Mill-provi jirriżulta illi dan l-assalt seħħ fis-27 ta' Marzu 2022 ġewwa ġnien pubbliku fl-akkwati tal-Blata l-Bajda.

**Pierre Caruana** xehed illi l-Ħadd 27 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tat-3.00 p.m. kien qiegħed fil-ġnien pubbliku fl-inħawi tal-Bombi, bil-qiegħda fuq ċint jistkenn mix-xita meta ra bniedem ta' madwar tletin sena riesaq lejh b'hood fuq rasu u maskra fuq ħalqu. Din il-persuna sellmu iżda għall-għarrieda ħass daqqa kbira ta' ġebla fuq moħħu u ra ġebla f'id din il-persuna. Kif ipprova jqum minn mal-art, ħass daqqa oħra fuq wara u l-persuna l-oħra ġibditlu idu bis-saħħa biex ma jaħrabx, u qallu biex iġiblu l-affarijiet li kien ħadlu fosthom flixkun tal-whiskey. Iddeskrivih bħala eċitat u mgerfex u offrielu €10 li kellu fil-but u l-ieħor ħadu, iżda fehem illi ried jeħodlu wkoll il-mobile phone tiegħu tad-ditta Samsung għaliex baqa' jiġbdu sakemm ħadu. Għalkemm ipprova jikkonvinċih li kellu bżonn il-mobile minħabba xogħolu u li dan kellu fih żewġ sim cards, il-persuna l-oħra baqa' jgħidlu biex itih l-affarijiet li kien ħadlu għalkemm lilu lanqas kien jafu. Baqgħu jitkellmu u offrielu li jħallsu €35 li jiġi nofs il-prezz ta' flixkun Chivas, biex forsi jroddlu lura l-mobile iżda l-persuna l-oħra ma aċċettatx din l-offerta u ma rnexxilux jikkonvinċih jagħtih il-mobile lura. Minn hemmhekk mar jagħmel rapport dwar l-inċident fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta.

Pierre Caruana minn fuq il-pedana tax-xhieda għaraf lill-imputat Ramon Attard bħala l-persuna li aggredih fil-ġnien u ħadlu l-mobile phone u għaraf ukoll it-tpenġija fuq għonqu.

Il-mobile ta' Pierre Caruana instab fil-pussess tal-imputat waqt tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu meta ġie arrestat. Skont Pierre Caruana, hu kien qala' l-mobile phone bħala rigal ta' Jum San Valentin mingħand żewġu u pproduċa riċevuta (Dok. PC1) li turi li l-mobile inxtralu minn ċertu Ben Soltan Walid għall-prezz ta' €1,052.64.

Ix-xhieda ta' Pierre ma ġietx ikkuntrastata u għalhekk il-Qorti tqis illi ġie debitament ippruvat fil-grad meħtieġ illi l-imputat seraq il-mobile phone ta' Pierre Caruana iżda mhux il-flus stante illi dawn ġew offruti lill-imputat u mhux misruqin.

F'kull każ, l-imputat ammetta fl-istqarrija illi fis-27 ta' Marzu 2022 mar fil-ġnien pubbliku ġewwa Blata l-Bajda biex ipejjep, l-istess ġnien fejn kien aggredixxa persuna

oħra l-ġurnata ta’ qabel. F’daqqa u l-ħin meta kien bil-qiegħda ġie raġel anzjan bil-parti privata tiegħu barra. Hu għamel għalih u ħadlu l-mobile u l-kartiera u tah daqqa għax ħarqu meta ġie ħdejh biex jagħmel dawk l-affarijiet, u qal li ma jaċċettax li xi ħadd jiġi u jikxiflu l-parti tiegħu quddiemu. Għalkemm qabad ġebla u qallu biex jiltaq ‘l hemm, ma kienx użah biex isawtu biha. Lil dan ir-raġel kien talbu għall-flus iżda minflok ma tah flus kien offra jixtrilu flixkun whisky. Qal li x’aktarx ir-raġel offra jixtrilu l-whiskey għaliex ra li kellu flixkun tal-whiskey ‘Teachers’ ħdejh u kien qed jixrob. Għaraf il-flixkun tal-whisky f’*evidence bag* M01394560 bħala l-flixkun li kellu dakinhar. Meta ġie mistoqsi x’kien ser jagħmel bil-mobile li seraq minn Pierre Caruana l-imputat wieġeb illi kien ser iżommu għaliex m’għandux mobile u qal ukoll li l-mobile li nstabu fuqu l-videos tal-persuni li aggredixxa, huwa ta’ ommu.

L-Avukat Ġenerali indika fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzji illi s-serqa għad-dannu ta’ Pierre Caruana hija aggravata bil-valur u bil-vjolenza. Il-kwalifika tal-valur hi ppruvata bir-riċevuta tax-xiri tal-mobile phone misruq mill-imputat, li nxtara biss xahar qabel bil-prezz ta’ €1,052.64. Għalhekk japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 267 u l-artikolu 279(a) tal-Kap. 9.

In kwantu l-kwalifika tal-vjolenza, din ukoll hija ppruvata stante illi kif sejjer jingħad iktar ‘il quddiem, is-serqa saret flimkien ma’ offiża fuq il-persuna ta’ Pierre Caruana skont kif del resto ġie ċertifikat minn Dr. Stephanie Brincat[2].

**<u>Reati fil-konfront ta’ Maureen Elizabeth Tabone u Anand Bahadur Dangi</u>**

Illi l-imputat qed jiġi mixli li kkaġuna volontarjament offiżi gravi lil Maureen Elizabeth Tabone u lil Anand Bahadur Dangi fis-27 ta’ Marzu 2022 għall-ħabta ta’ 1.00 p.m.

**Maureen Elizabeth Tabone**, li fiż-żmien tal-akkadut kellha 63 sena[3] xehdet illi l-Ħadd 27 ta’ Marzu 2022 għall-ħabta tas-1:00 p.m., ċempel il-bieb tal-appartament

[22] Ċertifikat Dok. LZ10.

tagħha ġewwa 1, Block 5, Yacht Marina Apartments, Gwardamangia Hill, Pieta, u meta ħarġet 'il barra fl-entrata komuni tal-blokka sabet żewġ irġiel: wieħed minnhom qalilha li kien ġie jżur l-inkwlin tal-appartament bin-numru 5 fl-istess blokka u qalilha wkoll li r-raġel l-ieħor li kien qed iżomm il-bieb prinċipali tal-entratura tal-blokka, miftuħ b'siequ, talbu għall-flus u ma riedx jitlaq. Hi infurmat lir-raġel li kien qed jipprova jidħol mill-bieb tal-blokka, li ma setax jidħol fi proprjeta' privata u staqsietu x'irid, iżda ma weġibhiex. Rat li kellu flixkun tal-whisky f'idu. Ftit wara ħareġ żewġha mill-appartament tagħhom għaliex kien sema' l-ilħna u wkoll qal lil dan ir-ragel li ma setax jidħol. Imbagħad niżel ukoll il-ġar tagħha mill-appartament bin-numru 5 u beda jipprova jfixkel lil dan ir-raġel billi jipprova jeħodlu l-mobile phone tiegħu. Dak il-ħin ir-raġel li kien qed iżomm il-bieb b'siequ, irnexxielu jidħol u kisser il-flixkun tax-xorb li kellu f'idu, fuq ras il-ġar tal-appartament bin-numru 5, u hija ħasset it-tifrik tal-ħġieġ jolqotha fuq xuftejha għaliex kienet biss madwar tliet metri 'l bogħod minnu.

Il-ġirien tagħha ħaduha l-Polyclinic għall-kura fejn sarulha tmien punti f'xuftejha. Ix-xhud għarfet lill-imputat Ramon Attard bħala l-persuna li kienet qed tipprova tidħol mill-bieb tal-blokka u li kisser il-flixkun li biha hi kienet weġġgħet.

Din il-verżjoni ġiet affermata minn żewġha **Emmanuel Tabone**, li xehed illi meta ħareġ mill-appartament tiegħu fl-entrata tal-blokka wara li nnota illi martu, Maureen Elizabeth Tabone, kienet qiegħda ddum barra fil-komun, ra lill-persuna li ġiet tara lill-ġar tal-appartament bin-numru 5 u lil martu, jipprovaw jikkonvinċu lil raġel ieħor biex ma jidħolx ġewwa l-blokka. Dan ir-raġel, li x-xhud għarfu minn fuq il-pedana bħala l-imputat Ramon Attard, kien qiegħed b'saqajh fil-bieb tal-entratura tal-blokka b'mod li l-bieb ma setax jingħalaq, u meta jsaqsih xi jrid u beda jipprova jagħlaq il-bieb, l-ieħor beda jgħidlu ripetutament li qed jimbottah. Dak il-ħin niżel ukoll l-inkwilin tal-appartament bin-numru 5. Xehed ukoll illi f'ħin minnhom ir-raġel, li kien "*hyper*", imbottah lura bis-saħħa u xejjer il-flixkun tal-whisky li kellu f'idejh li jidher li kien għadu mhux miftuħ, u faqgħu deliberatament f'ras l-inkwilin tal-appartament bin-

---

[3] Ara estratt miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha Dok. LZ3.

numru 5. Il-flixkun sar frak u l-ħġieġ tar u ġie fuq wiċċ martu u beda ħiereġ id-demm minn ħalqha.

Wara li l-ġirien ħadu l-mara tiegħu l-klinika, hu ħareġ barra fit-triq u ra lir-raġel li kisser il-flixkun jilletika mal-ġar u l-ħabib tiegħu, u bdew jipprovaw iżommuh milli jaħrab iżda xorta waħda rnexxielu jiżgiċċa. Dak il-ħin huwa għajjatlu u qallu "*taf x'għamiltilha l-mara tiegħi? ... Jekk inti raġel tini ismek*". L-ieħor ħarislu bl-ikrah u ġie jiġri lejh, jippoppa sidru u qallu biex ittih ismu wkoll u hu hekk għamel. Imbagħad l-ieħor qallu li jismu Ramon Attard u telaq. Ix-xhud ikkonferma li għadda l-għonq tal-flixkun tal-whisky mkisser lill-Pulizija.

**Anaud Bahadur Dangi** xehed illi kien qed jistenna lil sieħbu jiġi jżuru fl-appartament tiegħu bin-numru 5 ġewwa blokka appartamenti Gwardamangia, u sieħbu ċempillu biex jgħidlu li kien hemm persuna li bdiet issegwih jittallab għal flus u għalkemm kien taha xi flus din il-persuna riedet tidħol fil-blokka mill-entratura prinċipali. Għalhekk, sieħbu kien talbu biex jinżel isfel u meta niżel ra li l-ġirien tal-appartament fil-pjan terren ukoll kienu qed jipprovaw iżommu lil dan il-bniedem milli jidħol fil-blokka. Bdew jgħidulu li ma setax jidħol għaliex ma joqgħodx hemmhekk u huwa ra li kien fis-sakra u ma kienx jaf x'qed jagħmel, anke għaliex kien qed jitriegħed u jittallab għall-flus, u kellu wkoll flixkun tax-xorb f'idejh. Meta beda jgħidlu biex joħroġ 'il barra u biex ma jidħolx ġewwa fil-blokka għax ma joqgħodx hemmhekk, f'daqqa waħda dan ir-raġel tah daqqa bil-flixkun tal-ħġieġ fuq rasu. Bid-daqqa l-flixkun tfarrak u biċċiet mit-tifrik laqtu l-mara tal-ġar tiegħu u kellha d-demm ħiereġ. Huma pprovaw iżomu lil dan ir-raġel milli jaħrab sakemm jaslu l-Pulizija iżda baqa' jsawwathom u kellhom itellquh.

Anaud Bahadur Dangi xehed illi huwa qatt ma kien ra dan ir-raġel qabel u ma kienx jafu iżda ddeskrivih bħala persuna ta' bejn 25 u 30 sena bit-tpinġijiet f'idejh. Minn fuq il-pedana tax-xhieda identifika lill-imputat Ramon Attard bħala r-raġel li kisser il-flixkun tal-ħġieġ fuq rasu. Xehed ukoll li dakinhar kien mar l-Isptar u għalkemm

kellu nefħa għal madwar ġimgħa, ma kienx hemm ħsara ġewwa rasu u wara xi ġimgħa kien fieq minn kollox.

Fir-rigward tal-inċident li seħħ l-Imsida fis-27 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tas-1.00 p.m., l-imputat stqarr illi kien fit-telgħa tal-Imsida fejn il-Maltapost u kien hemm żewġ persuni ta' nazzjonalita' Indjana u talabhom €1.50 biex jixtri koka. Kif tawh il-flus, għajtulu biex jidħol ġewwa l-blokka u hu daħal, fejn hemmhekk huma bdew jgħajjtu lil raġel ieħor biex iċempel lill-Pulizija għaliex kien qed jittallab. L-imputat ċaħad li kien qed itallab għall-flus. Ir-raġel li niżel beda jipprovokah billi jgħidlu biex jitlaq 'il barra u saqsih x'irid, fejn hu wieġbu li ma ried xejn u li ma kien qed jagħmillu xejn. Dak il-ħin niżlet ukoll il-mara tiegħu. Iż-żewġ persuni Indjani qabdu jgħajjtu biex iċemplu għall-Pulizija u żammewh mal-art għal xi għaxar minuti u ma setax jaħrab. Imbagħad ta daqqa bil-flixkun tal-whiskey li kellu f'idu u kissru fuq ras wieħed minnhom biex jipprova jaħarbu u meta rnexxielu jqum u jaħarbilhom, beda jiġbdilhom video. Sostna li ma kienx mess il-mara bl-ebda mod u ċaħad li hija kienet weġġgħet meta kisser il-flixkun għaliex il-flixkun kien kissru fuq ras wieħed mill-persuni Indjani.

Ikkunsidrat;

Illi l-verżjoni tal-vittmu u tax-xhud okulari mhux biss hi konsistenti iżda hi affermata ulterjorment miż-żewġ filmati li jinsabu fil-mobile phone li kien fil-pussess tal-imputat meta ġie arrestat (Dok. LZ13), liema filmati ġew imniżżla mill-espert ġudizzjarju Alvin Cardona u jinsabu fil-USB drive formanti parti mir-relazzjoni Dok. AC1[4]. F'dawn il-filmati, li nġibdu fis-27 ta' Marzu 2022 fil-13:12h, ċioe' fil-ħin approssimattiv tal-inċident li xehdu dwaru Emmanuel Tabone, Maureen Elizabeth Tabone u Anand Bahadur Dangi, l-imsemmi Emmanuel Tabone jidher jipprova jkeċċi lill-imputat mill-bieb tal-blokka appartamenti u ma jħallihx jidħol. Xi ħaddieħor (preżumibbilment il-persuna li qed tiġbed il-filmat) jakkuża lil Emmanuel Tabone li imbottah u jinstemgħu jilletikaw bil-kliem. F'daqqa u l-ħin il-persuna li qed tiġbed il-

[4] Folder 04, 27th March 2022 (videos).

filmat tiġi fl-idejn ma' wieħed mill-ġirien li kien ġewwa l-entrata komuni u tinstema' twerżiqa ta' mara u l-filmat jieqaf ħesrem.

Il-Qorti hi moralment konvinta bil-veraċita' tal-verżjoni li xehdu dwarha ż-żewġ vittmi u x-xhud okulari u ma temminx il-verżjoni tal-imputat li hu kisser il-flixkun fuq ras Anand Bahadur Dangi wara li hu u sieħbu attakkawh u żammewh mal-art biex ma jaħrabx. Minn eżami tal-istqarrija tal-imputat, hija fehmet illi anke hu stess ma kienx ċert jekk kienx aggredixxa lil Dangi bil-flixkung qabel jew wara kienu qabżu fuqu u żammewh mal-art. Il-verżjoni tal-vittmi li l-imputat kien qed jinsisti li jidħol fl-entratura tal-blokk appartamenti u sar l-attakk bil-flixkun tax-xorb li kellu f'idu meta kienu qegħdin jipprovaw ikeċċuh, hi wkoll pjenament kompatibbli ma' dak li jidher fil-filmat li nstab fil-mobile phone li kellu fuqu meta ġie arrestat.

Fuq kollox, il-vittmi u x-xhieda okulari kollha xehdu li l-flixkun li l-imputat kisser fuq ras Anand Bahadur Dangi, u fil-proċess weġġa' gravi lil Maureen Elizabeth Tabone, rawh f'idejn l-imputat, u fil-filmat, Emmanuel Tabone jinstema' jagħmel referenza għalih ukoll. L-għonq tal-flixkun imkisser ġie esebit ukoll materjalment fl-atti tal-kawża.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati talli ħebb għal Anand Bahadur Dangi u kkaġunalu ġrieħi.

Fir-rigward tal-offiżi allegatament ta' natura gravi, subiti minn Maureen Elizabeth Tabone, għandu jingħad li billi l-imputat ma kienx aggrediha u mhux kontestat illi huwa fl-ebda mument ma ħebb għaliha jew messha b'xi mod, tqum il-kwistjoni jekk l-offiżi sofferti minn din il-vittma għandhomx jitqiesu li saru volontarjament jew involontarjament.

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi huwa pacifiku li sabiex jissussisti r-reat tal-offiża volontarja, hija meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Fid-deċiżjoni

fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, mogħtija b'sentenza tat-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Jingħad illi reati dolużi jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta u speċifika, jew inkella l-intenzjoni pożittiva indiretta[5]. Ghalkemm l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pożittiva indiretta tista' tigi deżunta miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż mill-mod kif l-aġent ikun iġib ruħu, iżda, fejn dawn iċ-ċirkostanzi ma jkunux univoċi u jkun hemm id-dubju dettat mir-raġuni dwar il-vera intenzjoni tal-imputat, dan id-dubju għandu jmur favur l-istess imputat.

Hawnhekk, il-Qorti tqis li huwa relevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2007 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**[6]:-

"*Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland [W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978]:*

---

[5] **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** – Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Jannar 2009.

[6] Kif citata wkoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut**, deciza 23 ta' Jannar 2009. Ara wkoll: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) fit-8 ta' Lulju 2004.

*""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place* ***it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence****."[Para. 7.28, pp. 232-233.]*[7]

*"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" [Para. 7.45, p. 241; "...negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight.]" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:-*

*""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it.*

… … …

*"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by*

[7] Emfasi ta' din il-Qorti.

*punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that '**In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did**, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk. [Gerald Gordon, op. cit. para. 7.53, pp. 245-246.]*".

Illi għalkemm il-liġi tagħna ssegwi dik kontinentali, il-Qorti tqis illi anke fil-liġi kontinentali, **meta l-konsegwenzi ta' għemil jitqiesu li jkunu probabbli, anke jekk mhux ukoll pożittivament deżiderati, dawn jidħlu fid-definizzjoni tal-intenzjoni kriminali indeterminata**.

Kif igħid il-ġurist Francesco Antolisei:-

*"... il dolo sussiste tutte le volte che il reo ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregudizio all'integrita` personale del paziente ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo."*[8]

Imbaghad, skont il-Carrara:-

[8] Citat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Leonardo Balzan**, deciz 31 ta' Mejju 2017.

"*Se quando si omise di calcolare tutti gli effetti possibili del proprio atto si fosse preveduto (o come possibili o come probabili) che quello effetto ne potesse derivare, si avrebbe un dolo indeterminato, ma non piu` una colpa*."[9]

Blackstone[10] jgħid: "'*Willfully', which has some similarities with 'malice' since it dates from an earlier legislative vocabulary should not be understood in its most obvious or literal sense of 'deliberately' or 'voluntarily'. It is now taken as a composite word to govern both intention and recklessness."*

Fir-rigward l-element partikolari ta' *recklessness*, l-istess Blackstone[11] jesponi s-segwenti formula biex jiġi determinat jekk l-agent jistax jitqies li jkun aġixxa b'intenzjoni meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija fuq akkuża li kkaġuna ħsara kriminuża:-

"*A person acts recklessly . . . with respect to-*
*(i) a circumstance when he is aware of a risk that it exists or will exist;*
*(ii) a result when he is aware of a risk that it will occur;*
*and it is, in the circumstances known to him, unreasonable to take the risk.*"

Applikat dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in dizamina, il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul dwar din il-materja, tqis illi huwa indiksuss illi l-imputat aġixxa deliberatament bl-intenzjoni li jagħmel ħsara lil Anand Bahadur Dangi meta kisser flixkun tal-ħġieġ fuq rasu. Dan ifisser li jrid iwieġeb għall-konswegenzi kollha tal-azzjoni tiegħu inkluż, fil-fehma tal-Qorti, il-ħsara inċidentali li titnissel b'riżultat ta' dik l-azzjoni. Maureen Elizabeth Tabone kienet waħda mill-persuni li kienu qegħdin jipprovaw jikkonvinċu lill-imputat jitlaq minn fuq il-post, u tidher fil-filmat fl-entrata wara r-raġel tagħha li kien fil-bieb, u biswit Anand Bahadur Gangi u kienet evidentement qrib biżżejjed tiegħu biex tintlaqat mill-frak tal-ħġieġ imkisser tal-flixkun li nfaqa' fuq ras il-ġar tagħha. Fil-fatt, hija stess xehdet illi ħasset it-tifrik tal-ħġieġ jolqotha fuq xuftejha għaliex kienet biss madwar tliet metri 'l bogħod minnu.

[9] Carrara, Programma, para. 81.
[10] *Blackstone's Criminal Practice* [2017] para A2.13, pagna 25.
[11] *Blackstone's Criminal Practice* [2012], B8.3, pagna 543.

L-imputat ma setax ma kienx konxju tal-preżenza ta' Maureen Elizabeth Tabone li tidher fil-filmat direttament wara żewġha u tinstema' wkoll tkellmu biex jitlaq minn fuq il-post, kif del resto xehdet waqt id-depożizzjoni tagħha quddiem il-Qorti. Għalhekk, messu kien ukoll konxju tar-riskju li meta ġie fl-idejn ma' Anand Bahadur Dangi u fil-kommossjoni mqanqla bid-daqqa ta' flixkun tal-ħġieġ fuq rasu, setgħu jweġġgħu bit-tifrik tal-ħġieġ li neċessarjament kien ser jikkonsegwi t-tkissir, mhux biss il-vittma dirett tiegħu, iżda wkoll persuni oħrajn li kienu fl-akkwata immedjata tiegħu, biss ftit passi 'l bogħod.

**Minn dan kollu, huwa evidenti illi l-għemil tal-imputat, kif fuq imfisser, jimmanifesta element ċar ta'** ***recklessness*** **għaliex huwa evidenti li għalaq għajnejh b'mod assolut għar-riskji naturali inerenti fl-azzjonijiet tiegħu. Element fil-fehma tal-Qorti sawwar fl-imputat, fil-mument li ta daqqa ta' flixkun tal-ħġieġ lill-vittma diretta tiegħu, l-intenzjoni pożittiva indiretta li jikkaġuna offiża wkoll fuq min kien viċin l-istess vittma. Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wkoll wara li qieset li l-imputat kien qiegħed evidentement jaġixxi b'mod persistenti u bellikuż u ma riedx jitlaq minn fuq il-post u beda wkoll jhedded lil Emmanuel Tabone. Barra dan il-fatt li l-mezzi li uża biex jaggredixxi lil Anand Bahadur Dangi, ċioe' b'daqqa tal-flixkun tal-ħġieġ fuq rasu, juru li l-imputat ma ddejjaq b'xejn juża l-flixkun bħala arma kontra persuni li kienu qed bl-ebda mod ma jirriżulta li ħebbew għalih jew li kienu aggressivi miegħu. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar il-gravita' tar-riżultat li l-imputat ried jikseb bl-azzjonijiet tiegħu.**

Fil-qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, huwa immaterjali fil-fehma tal-Qorti illi Maureen Elizabeth Tabone ma kienetx il-vittma intiża tal-ħsara li ried volontarjament jikkaġuna l-imputat. L-offiżi subiti minn Maureen Elizabeth Tabone huma l-konsegwenza indiretta ta' aggressjoni diretta u deliberata. Konsegwenza li l-imputat seta' raġjonevolment jipprevedi meta kisser flixkun tal-ħġieġ - li inevitabbilment kien ser jitfarrak - fuq ir-ras ta' persuna li kienet viċin ta' persuni oħrajn u għalhekk,

għandu jitqies illi kkaġuna volontarjament u mhux involontarjament, l-istess offiżi kaġunati indirettament.

**Reati kommessi għad-dannu ta' David Parnis**

L-imputat qed jiġi mixli li kkommetta serq għad-dannu ta' David Parnis, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin kif ukoll bil-vjolenza għaliex id-delitt sar bil-lejl u għaliex il-vittma ġie aggredit fil-waqt tal-kommissjoni tas-serqa u sofra ġrieħi ta' natura gravi. Dawn ir-reati allegatament ġew kommessi fis-26 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tad-8:45p.m.

**David Parnis** xehed illi fis-26 ta' Marzu 2022 kien fid-dintorni ta' Porte De Bombe il-Furjana u għall-ħabta tat-8.10 p.m. ltaqa' ma' persuna, raġel Malti, li kien liebes hood f'rasu u maskra fuq wiċċu li stiednu biex ikollhom x'jaqsmu flimkien sesswalment u għal dan il-għan marru f'xi strutturi dilapidati li jinsabu fil-ġnien li jinsab ftit 'il fuq mit-triq. Kif daħlu fl-istruttura l-persuna l-oħra talbu l-mobile phone u baqa' jinsisti u jirripeti li jrid il-mobile iżda hu ma riedx jagħtihulu. Hemmhekk ir-raġel l-ieħor beda jsawwtu l'hawn u l'hemm l-iktar f'wiċċu b'landa tal-plastik u ħadlu l-mobile li kien tal-għamla Samsung li kien jiswa €100 b'kollox. Huwa talbu jagħtih lura talanqas is-sim card peress li kellu ritratti u messaġġi ma' missieru li llum mejjet iżda l-ieħor ma riedx u baqa' jsawtu. Għalkemm ipprova jaħrablu ma rnexxilux għaliex beda jżommu waqt li kien qed isawtu u tant intilef bis-swat li l-ieħor ħadlu wkoll il-portmoni minn ġol-but u ma kienx induna dak il-ħin. Fil-portmoni kellu €30 kif ukoll karta tal-bank. Wara li għaddew b'kollox xi għoxrin minuta minn meta kienu ltaqgħu u l-ieħor kien ħa li kellu jieħu, ir-raġel telaq minn fuq il-post.

Għalkemm ma setax jagħraf l-aggressur għaliex kien id-dlam u kellu wiċċu nofsu mgħammad bil-maskra, David Parnis xehed illi leħnu baqa' jidwi f'widnejh u kapaċi jagħraf leħnu kieku kellu jisimgħu. Għamel ħamest ijiem bid-demm nieżel minn

mnieħru u mar l-isptar dakinhar stess iżda mbagħad kollox beda ġej lura għan-normal u ma damx jieħu l-kura għal imnieħru[12].

L-imputat ġie identifikat mill-Pulizija bħala l-aggressur ta' David Parnis għaliex mill-investigazzjonijiet li saru fir-rigward tal-użu tal-credit card li nsteraq mill-pussess ta' David Parnis, irriżulta li dan il-*credit card* intuża diversi drabi fil-ħinijiet immedjatament wara li nsteraq il-kartiera ta' David Parnis, fl-istabbiliment The Convenience Shop ġewwa Triq San Luqa, Gwardamangia. Meta ġew analizzati l-filmati li ġew elevati mill-cameras ġewwa l-istess stabbiliment minn PC 1087 Roderick Degiorgio, deher persuna dieħla u ħierġa li dehret tixtri bl-użu ta' *credit card* f'iktar minn transazzjoni waħda, fosthom fliexken tal-whisky, u dan kollu fil-ħinijiet tat-transazzjonijiet identifikati, ċioe' bejn 21:22h u 21:30 h[13]. Il-persuna li dehret fil-filmati li kienet taqbel mad-deskrizzjoni provduta lill-Pulizija mill-vittma, David Parnis, ċioe' persuna maskili ta' madwar tletin sena bi tpinġijiet f'għonqu.

Il-persuna li aggrediet lil Anand Bahadur Dangi u fil-proċess weġġa' wkoll lil Maureen Elizabeth Tabone – dan kollu l-għada fil-għodu tal-attakk li sar fuq David Parnis - ġie mistoqsi minn Emmanuel Tabone x'jimsu, qal li jismu Ramon Attard. Ftit tal-ħin wara, daħal rapport minn ċertu Pierre Caruana li allega li kien ġie aggredit minn persuna maskili bi tpenġijiet fuq għonqu ġewwa l-istess ġnien fejn kien ġie attakkat David Parnis il-lejl ta' qabel, liema deskrizzjoni kkombaċċjat mad-deskrizzjoni li diġa' kellhom f'idejhom il-Pulizija mir-rapport li kien sar minn David Parnis ftit sigħat qabel. B'hekk il-Pulizija rnexxielhom jaslu għall-imputat Ramon Attard u nħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu fis-27 ta' Marzu 2022.

---

[12] PC 1288 Christian Attard xehed illi meta ġie jirrapporta l-Għassa David Parnis fis-26 ta' Marzu 2022, ra li kellu wiċċu u ħwejġu mċappsin bid-demm u qallu li kien qabeż fuqu raġel Malti li beda jagħtih bis-sieq u b'idejh u beda jitolbu għall-flus u għall-mobile tiegħu u bil-biża' kien tahomlu u telaq jiġri. Irrapporta wkoll li fil-kartiera kelli karta tal-BOV.

[13] David Parnis bil-karta tal-identita' bin-numru 455069M kellu kont ma' Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 16701756016: minn eżami tal-istatements tal-kont bankarju (Dok. CAA1) jirriżulta illi fit-28 ta' Marzu 2022 saru ħames transazzjonijiet POS in fila mill-istabbiliment The Convenience Shop ġewwa Gwardamangia (€16.77, €16.77, €27.97, €7.35 u €23.90)[13]

L-imputat inzerta li kien diġa' taħt arrest fl-Għassa tal-Pulizija minħabba argument li kien seħħ fejn ma riedx jagħti d-dettalji tiegħu lill-Pulizija u minn tfittxija li kien sar fuq il-persuna tiegħu minn PC 1087 Roderick Degiorgio[14] instabu żewġ *mobile phones*, wieħed minnhom jirriżulta li kien insteraq mill-pussess ta' Pierre Caruana ftit qabel, skont kif ġie konfermat mill-istess Pierre Caruana fix-xhieda tiegħu meta ġie muri l-*mobile phone* elevat mill-pussess tal-imputat[15].

Instab fuqu wkoll waqt it-tfittxija, kartiera li ġie identifikat minn David Parnis bħala l-portmoni li nsteraqlu meta ġie aggredit u misruq fil-lejl tas-26 ta' Marzu 2022 fil-ġnien pubbliku. Minn tfittxija li saret fir-residenza tiegħu instab ukoll il-flokk li kien liebes l-imputat skont kif jidher fil-filmati tal-istabbiliment The Convenience Shop tas-26 ta' Marzu 2022. Il-Qorti rat dak il-flokk iswed (Dok. LZ14) bil-kliem 'Metallica' u jidher li huwa l-istess flokk bħal dak li kien liebes il-persuna maskili li deher jixtri minn 'The Convenience Shop' bil-karta tal-bank misruq minn David Parnis inqas minn siegħa wara s-serqa.

PC 1087 Roderick Degiorgio xehed illi huwa kien mar ġewwa Telgħet Gwardamangia fis-27 ta' Marzu 2022 fejn kien eleva filmati minn CCTV camera tal-istabbiliment tal-Maltapost, li kienet istallata barra l-bieb tal-blokk Marina Apartments fejn seħħ l-inċident u niżżel ukoll il-filmati minn The Convenience Shop, Triq San Luqa, Gwardamangia[16]. Niżżel ukoll fotogrammi mill-filmati u ħejja rapport b'*time-line* (Dok. RG1[17]), u minn eżami ta' dawn il-fotogrammi għall-Qorti hu evidenti illi l-persuna li tidher tixtri minn ġewwa l-istabbiliment The Convenience Shop uża karta tal-Bank of Valletta biex iħallas. Dawn it-transazzjonijiet skont il-ħin li jidher fil-filmat ilkoll saru fit-28 ta' Marzu 2022 bejn 21:22h u 21:30h, ċioe' inqas minn siegħa wara li ġie aggredit David Parnis u minn stabbiliment li jinsab biss ftit toroq 'il bogħod mill-ġnien fejn seħħet l-aggressjoni.

[14] Xhieda tal-25 ta' Jannar 2023. Ara wkoll xhieda PC1144 Damian Galea, 3 ta' Awwissu 2022.
[15] Dan il-mobile phone ġie esebit fl-evidence bag SC00298759.
[16] Ara Dok. RG1, paġna 267 tal-atti tal-kawża.
[17] Ara wkoll CD Dok. RG2.

Fuq kollox, kif diġa' ġie stabbilit il-persuna li tidher fil-filmati liebsa flokk li hu identiku għall-flokk li ġie elevat mir-residenza tal-imputat (Dok. LZ14) u fil-fehma tal-Qorti minkejja li liebsa maskra li tgħatti l-ħalq, m'hemmx wisq dubju li hija tabilħaqq l-imputat li għandha quddiemha, Ramon Attard, persuna li ilha tarah konsistentement fuq medda ta' iktar minn sena. Din l-istess identifikazzzjoni għamilha PC 1087 Roderick Degiorgio li fix-xhieda tiegħu ikkonferma li huwa studja l-filmati li kienu ġew elevati minn The Convenience Shop u mill-istabbiliment tal-Maltapost, u seta' jidentifika pożittivament lill-persuna li tidher fil-filmati bħala Ramon Attard, il-persuna li kien arresta ftit wara u l-imputat fl-awla, Ramon Attard.

Il-Qorti tqis illi din l-identifikazzjoni tal-imputat mill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju. Il-Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed.), jgħid hekk fir-rigward: -

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:-

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible .... Much will depend on the circumstances of the recognition; if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition being ruled as inadmissible*"[18].

---

[18] R. vs. Caldwell and Dixon, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [19].

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputat ma qajjem ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati li PS 417 Antoine Buttigieg xehed li huwa rċieva mingħand u l-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammisibbilita' ta' dawn id-dokumenti anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

Din l-identifikazzjoni saret f'termini inekwivoċi u inkonfutabbli.

Magħdud dan il-fatt illi fil-mobile phone tal-għamla Samsung (mudell SM-A326B/DS) li ġie konfiskat mill-pussess tal-imputat meta ġie arrestat[20], liema *mobile phone* ġie esebit f'*evidence bag* SC00298751 (Dok. LZ13) instab filmat li ttieħed fis-26 ta' Marzu 2022 fil-ħin ta' 20:41h[21]. Dan il-filmat ittieħed fid-dlam iżda fl-awdjo jinstema' ċar diskors li huwa kompatibbli mad-diskors li xehed dwaru David Parnis fejn talab lill-aggressur tiegħu jagħtih lura l-mobile phone u jtih €10 minflok, iżda l-aggressur ma aċċettax, u huwa kien talbu wkoll biex ma jkomplix isawtu:

"*... tihuli l-mobile sabiħ.*
*Intihulek il-mobile? Dak ħa nieħdu, dak ħa nieħdu. Tini ten Euros ukoll.*

[19] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.
[20] Ara xhieda ta' PC 1087 Roderick Degiorgio, 25 ta' Jannar 2023 u xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit tas-6 ta' April 2022.
[21] Ara xhieda ta' Alvin Cardona, 28 ta' Frar 2023 u relazzjoni/usb drive Dok. AC1 (recording .

*Le.*

*Le?*

*Nagħtik ten Euros u tini l-mobile għax.*

*All right all right nagħmlu hekk, all right nagħmlu hekk ejja. Il-mobile fil-but qiegħed naħliflek.*

*U le l-ewwel agħtini t-ten man għax ma nafdakx.*

*Issa ntihielek it-ten*

*Le mela bla mobile ħa tibqa' itlaq l hemm... eh? Ma nsawtekx? Ma nsawtekx ippruvajt tiġi treddali ..... bro? .... Ejja 'l hawn ħa nurihom lin-nies kif ġibtek kollok demm man...*"[22]

Fil-filmati ta' The Convenience Shop, jidher it-tattoo fuq għonq il-persuna suspettata li hi l-imputat Ramon Attard: Pierre Caruana identifika lill-imputat minn fuq il-pedana tax-xhieda bħala l-aggressur tiegħu li kien seraqlu l-*mobile phone* l-għada tal-aggressjoni fuq David Parnis, anke għaliex kien għaraf it-tpenġija li għandu fuq għonqu. Xehed ukoll li din il-persuna aggredietu fl-istess ġnien pubbliku fl-inħawi ta' bejn Sa Maison u l-Furjana, liema aggressjoni jirriżulta li seħħet l-għada stess, sigħat biss wara t-transazzjonijiet li saru f'The Convenience Shop bil-karta tal-bank ta' David Parnis. Is-suspettat, li kif diġa' ġie stabbilit jixbaħ ħafna lill-imputat, jidher ukoll dieħel fil-ħanut imsemmi, liebes hood skur fuq rasu u maskra, l-istess deskrizzjoni li ngħatat sija minn Pierre Caruana u wkoll minn David Parnis tal-aggressur tagħhom li ddeskrivewh entrambi ukoll bħala ġuvni ta' madwar 30 sena. Ta' min iżid ukoll li meta ġie arrestat, instab fuq il-persuna tal-imputat il-mobile phone ta' Pierre Caruana tal-għamla Samsung, liema *mobile phone* ġie esebit fl-*evidence bag* SC00298750 (Dok. LX12). Id-difiża ddikjarat fis-seduta tat-12 ta' Settmbru 2022 li taqbel li l-oġġetti kollha esebiti fl-imsemmi evidence bag, fosthom għalhekk il-mobile phone, jappartjenu lil Pierre Caruana.

L-imputat fl-interrogazzjoni stqarr illi fir-rigward tas-serqa u l-aggressjoni fuq David Parnis fis-26 ta' Marzu 2022, li għall-ħabta tat-8.00 p.m. huwa kien mar ipejjep droga

---

[22] Dok. AC1 – usb drive ('VideoClip – Not Erased')

sintetika għall-kwiet fil-ġnien pubbliku li jinsab f' Sa Maison u raqad bil-qiegħda fuq il-ħaxix. Kif fetaħ għajnejh jara raġel viċin tiegħu li kien qed jimmasturba quddiemu u nħasad għaliex qal li dawn mhux affarijiet normali u mhux sew lanqas. Qal li dak il-ħin kien "*daqsxejn daħna*" għaliex kien qed ipejjep u qal ukoll li beża' li dan ir-raġel kien ser jaqbad miegħu sesswalment. Minħabba f'hekk irvilla u intilef, qam għalih u qabad jagħtih. Imbagħad daħħlu ġewwa wieħed mill-istrutturi li hemm fil-ġnien biex ħadd ma jarah isawtu u hemmhekk qabad jagħtih b'idejh fuq dahru u kullimkien, u ħadlu wkoll il-mobile phone li kellu fuqu kif ukoll il-kartiera tal-kulur griż. Talbu wkoll biex itih €10 talli kien tellfu u qal li għamel hekk "*għaliex ħaraqni*" bl-affarijiet mhux normali li kien qed jagħmel, u ried itellfu kif kien tellef lilu. Dak il-ħin kien id-dlam iżda ra li kien ħariġlu d-dmija iżda minkejja dan baqa' jagħtih għaliex intilef anke għaliex ma kienx f'siktu f'moħħu minħabba d-droga li kien pejjep. Stqarr li l-kartiera kienet kollha demm għaliex kellu idejh kollha demm meta qabad il-kartiera u tefagħha fil-but tiegħu, u stqarr ukoll li kien biegħ il-mobile phone għall-prezz ta' €20.

L-imputat iddikjara wkoll waqt l-interrogazzjoni illi kien ġibed video tal-vittma u waqt li kien qed jiġbdu, qallu li kien qed iġib wiċċu fil-video ħalli kulħadd ikun jaf x'kien jiġi jagħmel fil-ġnien. Imbagħad baqgħu jitkellmu ftit iżda ftit wara reġgħu ġew fl-idejn.

Minn dan kollu, anke irrispettivament mid-dikjarazzjonijiet inkriminanti li għamel l-imputat fl-istqarrija tiegħu, il-Qorti tqis illi hi l-evidenza hi univoka għaliex tipponta mingħajr ebda ekwivoku lejn l-imputat bħala l-awtur tar-reat ta' serq għad-dannu ta' David Parnis u ma tħalli ebda dubju f'moħħ il-Qorti li huwa ħati tas-serqa u l-aggressjoni li twettqu fuq l-imsemmi vittma.

Stabbilit illi l-imputat seraq il-*mobile phone* kif ukoll kartiera ta' David Parnis, dsn is-serq għandu jitqies li kien ikkwalifikat bil-vjolenza għaliex l-imputat ikkaġuna offiżi volontarji fuq il-vittma, kif ukoll bil-ħin għaliex evidentement, fil-ħin meta ġiet

kommessa din is-serqa għall-ħabta tat-8.30 p.m., kien diġa' dalam skont kif jidher fil-filmat tas-serqa li nstab fil-mobile phone Dok. LZ13[23].

**<u>In-Natura tal-Offiżi sofferti mill-Vittmi</u>**

Illi jmiss li jiġi stabbilit in-natura tal-offiżi subiti mid-diversi vittmi tar-reati kommessi mill-imputat.

**David Parnis**

L-imputat qed jiġi mixli li kkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Parnis, a tenur tal-artikolu 216(1)(a)(b) u (d), kif indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

L-uffiċjali tal-Pulizija li kienu raw lil David Parnis meta mar l-Għassa jirrapporta li kien ġie msawwat u misruq, xehdu illi kien ġie viżibbilment imsawwat u kellu wiċċu kollu dmija. David Parnis ġie eżaminat mit-Tabib Dr. John Bondin fis-27 ta' Marzu 2022 ġewwa d-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei fejn irriskontra tbenġil taħt għajnejh, l-iktar fuq in-naħa tal-lemin kif ukoll ksur f'imnieħru u l-ħaddejn u demm fis-synuses. Fiċ-ċertifikat li ħareġ abbażi ta' dan l-eżami, dawn il-ġrieħi ġew klassifikati minnu bħala '*grievous (save complications)*'[24].

Il-vittma ġie eżaminat ukoll minn Dr. Edward Cherubino, l-espert mediko-legali ġudizzjarju, fl-24 ta' Frar 2023. Huwa xehed illi l-offiżi subiti kienu ta' natura gravi għaliex kien hemm ksur tal-imnieħer u l-ħitan ta' quddiem u laterali taż-żewġ sinus maxillari, iżda dawn l-offiżi mhumiex permanenti. Fil-fatt, minn eżami tar-relazzjoni Dok. EC1, jirriżulta li ma kien hemm ebda ċikatriċi viżibbli, nefħa jew marki oħrajn madwar għajnejh jew fuq ħaddejh fid-data tal-eżami, kważi sena wara l-inċident u l-espert eskluda wkoll l-eżistenza ta' xi debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni

[23] Ara wkoll Dok. AC1.
[24] Ara ċertifikat mediku Dok. LZ5, paġna 47 tal-atti tal-kawża.

ta' xi parti ta' ġismu jew tal-għamla tal-ġisem u xi mard permanenti tal-moħħ b'riżultat tal-offiżi riskontrati.

L-espert eskluda wkoll li l-offiżi subiti minn David Parnis ikkaġunaw mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż, jew marda fil-moħħ jew il-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed.

Iżda hawnhekk il-Qorti ma taqbilx mal-espert mediko-legali. Filwaqt li sejra tistrieħ fuq il-fehma medika professjonali tiegħu fir-rigward tal-permanenza o meno tal-offiżi anke għaliex David Parnis ma lmentax b'xi permanenza tal-offiżi jew l-effett tagħhom fuq il-funzjoni ta' xi parti ta' ġismu jew xi debbulizza fis-saħħa tiegħu, u konsegwentement sejra teskludi li l-offiżi subiti minnu jinkawdraw bħala l-offiża gravissima maħsuba fl-artikolu 218 tal-Kap. 9, tqis illi hija riskontrabbli l-offiża gravi taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9.

Dan jipprovdi li l-offiża fuq il-persuna hija gravi:-

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

In kwantu għal "*mankament*" fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż, jinsab ritenut illi dan, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ, l-għonq jew f'waħda mill-idejn[25]. L-isfreġju mbagħad, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' u fl-armonija tal-lineamenti ta' dawn il-partijiet tal-ġisem tal-parti offiża. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[26] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Kollox

[25] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.
[26] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu l-entita' tal-ħsara li tkun ġiet imġarrba.

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[27]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

[27] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-prinċipju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[28] fejn intqal illi:-

*"... **għall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

**Applikat dan l-insenjament għall-każ ta' David Parnis, il-Qorti hi tal-fehma illi fl-offiżi konsistenti fil-ksur tal-għadma tal-imnieħer u l-ħaddejn, bit-tbenġil u n-nefħa konsegwenti, jiffigura tabilħaqq l-isfreġju maħsub fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9**. **Hija xi ħaġa ovvja li tbenġila u nefħa ġejjin minn ksur tal-għadam fil-wiċċ, għalkemm ma jħallux effetti permanenti, huma viżibbli minn distanza normali u fuq kollox iħassru r-regolarita' tal-fattizzi tal-wiċċ.** Kif rajna, il-fatt illi dawn l-offiżi ħallew effetti biss għal ftit ġranet huwa immaterjali għaliex dak li jgħodd għall-isfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 huwa l-fatt li l-offiżi kerrhu d-dehra tal-wiċċ ta' David Parnis. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-offiżi appena deskritti, provenjenti minn ksur tal-għadam tal-wiċċ, ħassru d-dehra tal-wiċċ tal-vittma anke jekk għal ftit ġranet u għalhekk jikkostitwixxu sfreġju skont id-definizzjoni legali, anziche' medika tal-kelma. Il-fatt li sena wara, dan l-isfreġju fieq u ma baqax iktar viżibbli, jista' jkun relevanti biss għall-fini tal-piena.

Għalhekk, fuq l-istregwa tal-insenjament in materja, appena ċitata, il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma tal-espert mediko-legali li l-offiża ma tirrientrax fid-definizzjoni ta' sfreġju fil-wiċċ tal-offiż: filwaqt li l-offiża tista' titqies illum bħala waħda ħafifa, il-provi juru li din l-offiża kienet tikkonsisti f'għadam imkisser fil-wiċċ manifestat f'nefħa u tbenġil li fiż-żmien meta ġiet inflitta, kien jirrientra fid-definizzjoni ta' sfreġju ('*disfigurement*') fil-wiċċ għall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

**Maureen Elizabeth Tabone**

[28] Deċiża fit-12 ta' Settembru 1996.

L-istess jgħodd għall-offiżi subiti minn Maureen Eliżabeth Tabone meta ntlaqtet bil-frak tal-ħġieġ li taru mill-flixkun li l-imputat kisser fuq ras Anand Bahadur Dangi. Dawn l-offiżi xehdet dwarhom hija stess u kkonfermat li kienu sarulha tmien punti fiż-żewġ xofftejn u l-Qorti waqt id-depożizzjoni tagħha reġistrat li osservat l-offiżi li dehru f'xofftejha[29].

Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Dr. Stephanie Scerri li eżaminat lil Maureen Elizabeth Tabone fis-27 ta' Marzu 2022 u riskontrat diversi feriti f'wiċċha li kellhom bżonn il-punti. Il-Qorti rat iċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Stephanie Scerri fir-rigward (Dok. LZ5) u fehmet illi l-offiżi riskontrati f'wiċċ il-vittma kienu prinċipalment laċerazzjoni tax-xoffa ta' fuq u laċerazzjoni fin-naħa tal-lemin tal-geddum u ma għandha ebda rizerva biex tikkonkludi li dawn il-laċerazzjoniiet jikkostitwixxu sfreġju fil-wiċċ tal-vittma li neċessarjament ipperdura għal ftit taż-żmien. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi li l-offiżi li ġarrbet Maureen Elizabeth Tabone ħallew effetti permanenti u li jikkostitwixxu sfreġju gravi fit-termini tal-artikolu 218 tal-Kap. 9 iżda f'kull każ l-imputat għandu jinstab ħati li kkaġuna sfreġju f'wiċċ tal-vittma a tenur tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

**Anand Bahadur Dangi**

Min-naħa l-oħra, l-offiżi kkaġunati bid-daqqa tal-flixkun f'ras Anand Bahadur Dangi ġew ċertifikati bħala offiża ta' natura ħafifa għaliex kif xehdet Dr. Stephanie Scerri, il-laċerazzjonijiet riskontrati fir-ras kienu superfiċjali mingħajr ebda evidenza ta' feriti interni jew konkussjoni filwaqt li l-ferita riskontrata 'l fuq mill-ħaġeb ġiet deskritta bħala "*very small skin loss*". Għalkemm il-flixkun tal-ħġieġ tkisser bid-daqqa fuq ir-ras tal-vittma u għalhekk l-offiżi saru b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217 tal-Kap. 9, ċioe' bi strument li jaqta' jew iniggeż, l-Avukat Ġenerali ma indikax la l-artikolu 217 u lanqas l-artikolu 221(2) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-offiżi subiti minn

[29] Jidhru wkoll fir-ritratti esebiti mill-Ispettur Joseph Mericeca Dok. JMX1 sa Dok. JMX5 li xehed li kien għaddihomlha Maureen Elizabeth Tabone. Dan ġie konfermat ukoll minn Emmanuel Tabone fix-xhieda tiegħu.

Anand Bahadur Dangi. Għalhekk il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati li kkommetta offiżi ta' natura ħafifa fuq l-imsemmi vittma taħt l-artikolu 221(3)(a) tal-Kap. 9.

**Pierre Caruana**

Illi l-offiżi subiti minn Pierre Caruana ukoll kienu ta' natura ħafifa u miċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Stephanie Brincat u mid-depożizzjoni ġuramentata tagħha quddiem il-Qorti[30], jirriżulta illi l-vittma f'dan il-każ ilmenta li kellu uġigħ fuq moħħu naħa tal-lemin kif ukoll fuq spalltu l-leminija fuq quddiem. Pierre Caruana fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti ma semma xejn dwar l-offiżi li sofra fuq ġismu b'riżultat tal-aggressjoni tal-imputat u lanqas dwar xi effett li dawn setgħu ħallew, u għalhekk, billi evidentement l-offiżi riskontrati minn Dr. Stephanie Brincat konsistenti f'uġigħ, jidher li kienu ta' ftit importanza sija għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġisem u sija wkoll moralment, sejra tqishom bħala offiżi ta' natura ħafifa a tenur tas-subartikolu (3)(b) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 bl-applikazzjoni tal-prinċipju *in dubio pro reo*.

**<u>Reati taħt l-Artikolu 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali</u>**

L-imputat ġie mixli li kkommetta frodi għad-dannu ta' David Parnis jew ta' persui oħrajn.

In tema tar-reat tal-frodi, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf*

[30] Xhieda tal-1 ta' Ġunju 2023.

*patrimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140).*

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu impjegati biex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għa telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[31] illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza in materja. Per eżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza **Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech** (03.01.1896 – Kollez.XV.350) intqal illi "*quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*"

[31] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' '*raggiri o artifizi*' – dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[32].

Fir-rigward tar-reat minuri taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, jingħad li huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mir-reat minuri. Filwaqt li kif rajna diġa', ir-reat ta' truffa jeħtieġ l-użu ta' apparat estern konsistenti f'raġġiri jew artifizzji li jsaħħaħ il-kredibbilita' tal-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur, ossia l-messa in xena, fir-reat minuri taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[33].

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[34] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*"

[32] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).
[33] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.
[34] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

Jirriżulta illi fis-26 ta' Marzu 2022 l-imputat uża l-karta tal-bank li kien fil-kartiera ta' David Parnis, biex jixtri xorb u affarijiet oħra f'diversi transazzjonijiet individwali mill-istabbiliment The Convenience Shop.  Dan ġie mistqarr minnu nnifsu meta fl-istqarrija, qal li wara li telaq mill-ġnien wara li l-episodju ma' David Parnis, mar iħabbat għand nanntu li toqgħod Gwardamangia u ħadha tagħmel xirja mingħand 'The Convenience Shop' bil-flus u l-karta tal-bank li kien seraq mingħand il-vittma.  Stqarr ukoll li fost affarijiet oħrajn, xtara erba' fliexken whisky lil nanntu u mbagħad xtara xi affarijiet għal ommu bi transazzjonijiet differenti.  Iżda wara, induna li żbalja u rema' l-karta tal-bank barra fit-triq.

Applikat l-insenjament fuq ċitat għall-fattispeċje tal-każ, il-Qorti ma taqbilx illi l-ħlas li sar mill-imputat bl-użu tal-karta tal-bank misruqa minnu u kwindi bil-fondi tad-derubat, għalkemm dan kollu naturalment sar kontra l-volonta' tad-derubat, jikkostitwixxi r-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9.  Huwa minnu li l-imputat inganna bil-persuna li rċieviet il-ħlas għax-xirja, għaliex meta ħallas b'karta tal-bank u uża fondi ta' ħaddieħor kontra l-volonta' tiegħu u meta ġab ruħu bħallikieku l-karta u l-fondi kienu tassew tiegħu, wera ħaġa b'oħra.  Madankollu, ma jirriżultax li biex għamel dan ħoloq xi messa in xena jew uża kwalifiċi foloz jew ismijiet foloz jew xi apparat estern biex jikkonvinċi lill-persuna li rċeviet il-flus mill-karta tal-bank, kien tiegħu.  Għalkemm hu stabbilit mill-provi li l-imputat ippreżenta għall-ħlas, karta tal-bank li ma kienetx tiegħu, il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li huwa pproduċa xi dokument tal-identifikazzjoni biex jipperswadi lill-persuna li kien qed jinganna, li l-karta tal-bank jappartjeni lilu, jew li sostna mal-persuna li rċieva l-ħlas, li huwa kien David Parnis.

Għaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma illi ma ġewx ippruvati l-elementi kollha essenzjali tar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9.  Madankollu, fl-istess waqt, billi hu evidenti li l-imputat inganna bil-persuna li rċieva l-ħlas bil-karta tal-bank li ma kienetx tiegħu, billi wera ħaġa b'oħra bi ħsara dan kollu lis-sid tal-karta u l-fondi, għandu jinstab ħati tar-reat minuri ta' frodi innominat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

**<u>Reat taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u Reċidiva</u>**

Il-Prosekuzzjoni produċiet bil-ġurament tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti, kopja awtentikata tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-24 ta' Mejju 2021 fejn Ramon Attard li għandu l-istess konnotati tal-imputat odjern, ġie kkundannat ħmistax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn u multa ta' erbat elef Euro. L-Assistent Reġistratur tal-Qorti kkonfermat fix-xhieda tagħha illi ma kienx hemm appell minn din is-sentenza li jfisser mhux biss illi s-sentenza ta' priġunerija bdiet tiġi skontata minnufih iżda wkoll li din ma kienetx għadha ġiet skontata meta ġew kommessi d-delitti li qed jiġi mixli dwarhom, fis-26 u 27 ta' Marzu 2022.

Konsegwentement, l-imputat ikkometta r-reati li qed jinstab ħati dwarhom, fis-26 u fis-27 ta' Marzu 2022, matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat fl-24 ta' Mejju 2021 u għaldaqstant isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28B tal-Kap. 9.

Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-imputat jista' jitqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9. Dan jipprovdi:-

Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħo

Biex persuna titqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, jeħtieġ li l-piena għad-delitt li dwaru l-persuna ġiet ikkundannata, (i) tkun ġiet skontata u (ii) il-persuna tikkommetti delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn meta ġiet skontata l-piena jekk iż-żmien tal-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha.

Fir-rigward, is-subartikolu (5A) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 jipprovdi:-

"*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50,* ***titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali*** *msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).*" (emfasi tal-Qorti)

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, hu evidenti li għalkemm l-imputat ġie ikkundannat għal delitt bis-sentenza tal-24 ta' Mejju 2021, il-piena erogata fis-sentenza ma ġietx skontata sad-data meta kkommetta d-delitti li dwarhom sejjer jinstab ħati u għalhekk ma jistax jitqies li huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

In kwantu għall-multa ta' €4,000, mix-xhieda tal-Assistent Reġsitratur tal-Qorti jirriżulta li din kienet għadha m'hijiex imħallsa *in toto* u fis-17 ta' Marzu 2022, ftit ġranet qabel id-data tal-kommissjoni tar-reati odjerni kien fadal bilanċ ta' ċirka €3,300.

In kwantu għall-multa li ġiet imposta fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-14 ta' Jannar 2020 (Dok. JM8) fis-somma ta' €800, din ukoll ma kienetx imħallsa għaliex l-imputat kien ingħata żmien tliet snin biex iħallash. Jidher li l-imputat baqa' ma ħallashiex fit-terminu lilu konċess għaliex fit-18 ta' April 2023 kien fadal bilanċ mhux imħallas ta' €485. Madankollu, ma jirriżultax illi l-ħati li ġie kundannat b'din is-sentenza, għalkemm jismu Ramon Attard, huwa l-istess Ramon Attard li għandha quddiemha din il-Qorti fil-proċeduri odjerni għaliex is-sentenza ma fiha ebda konnotati tal-ħati u ma nġiebet ebda prova tal-identita' tal-persuna tal-ħati li ġie kundannat b'dik is-sentenza. Iċ-ċitazzjoni li tinsab f'paġna 346 tal-atti tal-kawża evidentement ma tirriferix għal proċeduri kriminali deċiżi bis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2020 għaliex l-ewwel smigħ tal-azzjoni kriminali mibdija

bl-imsemmija Ċitazzjoni kienet appuntata għas-17 ta' Novembru 2020, ċioe' wara li ġiet erogata s-sentenza Dok. JM8[35].

Għaldaqstant, fil-waqt li l-Prosekuzzjoni ġabet biżżejjed provi biex turi li l-imputat huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9, għaliex kif rajna l-Prosekuzzjoni ġabet prova li ġie kkundannat għal delitt bis-sentenza tal-24 ta' Mejju 2021 u in segwitu għamel reat ieħor, ma rnexxilhiex tipprova r-reċidiva għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

## Piena

Illi għall-fini tal-piena il-Qorti ma tistax twarrab il-vjolenza estrema manifestata mill-imputat fit-twettiq taż-żewġ serqiet kif ukoll fl-aggressjoni fil-konfront ta' Anand Bahadur Dangi u b'mod partikolari l-imġieba tiegħu fil-konfront ta' David Parnis, hija tat-tkexkix.

Anke jekk hu minnu li ż-żewġ vittmi setgħu kienu qegħdin jagħmlu atti sesswali quddiem l-imputat u dawn qażżuh, imkien ma ġie allegat li dawn il-persuni kienu vjolenti fil-konfront tal-imputat jew ipprovaw jħebbu għalih u lanqas li messew jew issolleċitawh b'xi mod u għalhekk ir-rejazzjoni vjolenti tiegħu mhux ġustifikata u ma tistax titqies li kienet b'xi mod ipprovokata minn xi waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fil-paragrafi tal-artikolu 227 tal-Kap. 9 reż applikabbli għar-reat ta' offiża volontarja bl-artikolu 230 tal-Kap. 9. Fil-fehma tal-Qorti, il-vjolenza u aggressjoni manifestata mill-imputat kienet mhux biss kundanabbli iżda wkoll manifestament sproporzjonata u estrema u għandha tiġi sanzjonata bl-iktar mod sever. M'hijiex skuża li l-imputat kien taħt l-effett tad-droga u dan il-fattur ma jista' qatt fil-fehma tal-Qorti jitqies bħala mitiganti tal-piena.

---

[35] Huwa minnu li l-Assistent Reġstratur tal-Qorti xehdet dwar sentenza tal-14 ta' Ġunju 2021 iżda kopja ta' din is-sentenza baqgħet qatt ma ġiet esebita fl-atti proċesswali.

Ġie sottomess mid-difiza fit-trattazzjoni finali li l-imputat kien taħt l-effett tad-droga u dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti. L-imputat innifsu stqarr illi għandu bżonn l-għajnuna għaliex għandu vjolenza ġo fih minħabba f'hekk irrejaġixxa ħażin u jaf li żbalja f'dak li għamel fil-jumejn ta' qabel. Iżda l-Qorti ma taqbel xejn mal-argoment tad-difiża li ż-żminijiet inbidlu u teżisti xi perspettiva soċjali ġdida lejn l-użu ta' sustanzi u droga illegali, u ma taqbilx lanqas illi d-droga speċjalment id-droga sintetika għandha tiġi titqies bħala xi fattur mitiganti tal-piena meta kif inhu risaput, l-użu ta' sustanzi legali huwa l-ikbar xprunatura tal-kriminalita' fis-soċjeta' li jaħdem billi jaħkem il-moħħ tal-utent b'mod assolut u jħassar kull ħjiel ta' rieda tajba billi jnassab lill-vittma tiegħu f'ċirku vizzjuż li fil-proċess tiegħu jiddistruġġi l-ħajja mhux biss tal-utent iżda tal-familja tiegħu u tas-soċjeta' in ġenerali u fuq kollox tal-vittmi tal-kriminalita' li tiġi mill-użu ta' sustanzi illegali. B'żieda ma' dan u f'kull każ, il-fatt illi fil-waqt li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34 tal-Kap. 9 jgħoddu wkoll għall-istat li jġib miegħu l-użu ta' narkotiċi jew droga, fil-każ in diżamina ma ntweriex li l-imputat kien fi stat ta' ġenn, temporanjament jew xort'oħra, minħabba d-droga sintetika li qal li kien pejjep.

Anke jekk għal mument il-Qorti kellha temmen lill-imputat illi David Parnis u Pierre Caruana ttantawh sesswalment u ħasduh u li huwa tqażżeż b'xi azzjonijiet tagħhom, ir-rejazzjoni aggressiva u l-vjolenza li uża l-iktar fuq David Parnis, li sawtu ripetutament b'oġġett iebes, m'hi xejn ħlief estrema u ma tistax titqies bħala ġustifikata taħt ebda ċirkostanza. Mill-provi l-Qorti fehmet li l-imputat uża l-vjolenza biex jisraq il-mobile phone u flus tal-vittmi, anziche' bħala rejazzjoni ta' diżgust meta ġie rinfaċċjat b'xi egħmil moqżież tal-vittmi u hija mħassba wkoll bil-kefrija li wera l-imputat meta ġibed filmat ta' David Parnis waqt li kien qed isawtu fejn jinstema' jittantah u jabbużah filwaqt li l-vittma jinstema' jitkarrab u jingħi bl-uġigħ.

L-imputat ilu maħkum minn dan il-vizzju, *ex admissis* u kif jirriżulta mix-xhieda ta' ommu u missieru, għal ċirka għaxar snin u kull ma jmur il-vizzju dejjem jaggrava. Ma jidhirx li huwa qatt fittex l-għajnuna biex jipprova jindirizzah, ħlief meta ngħata l-

ħelsien mill-arrest f'din il-kawża[36] u għalkemm il-Qorti hija konxja li l-imputat, meta ġie meħlus mill-arrest, attenda u temm b'suċċess programm residenzjali fi ħdan l-Aġenzija Caritas għar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż tad-droga, senjatament id-droga sintetika, fehmet ukoll illi tant hija akuta u kronika d-dipendenza tiegħu fuq id-droga sintetika illi ftit ġranet biss wara li kkompleta l-programm u rritorna fil-komunita', reġa' beda jabbuża mid-droga sintetika għaliex instab fil-pussess ta' din id-droga bi ksur ukoll tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti bid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2022. Għall-Qorti dan ifisser li l-imputat, minkejja li hu evidenti li qed juri r-rieda li jegħleb dan il-vizzju u għandu wkoll is-sapport bla riżerva tal-familja tiegħu, m'huwiex tajjeb biex ikun fis-soċjeta' qabel ma jegħleb il-vizzju darba għal dejjem. Vizzju li sal-lum evidentement l-imputat għadu maħkum minnu għaliex skont kif jirrizulta mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation, għalkemm żamm kuntatt magħha u wera l-ħsieb li jerġa' jipparteċipa f'programm għar-rijabilitazzjoni mill-vizzju, għadu ma rnexxilux jagħmel progress f'dan il-qasam u l-kampjuni kollha li ġew sottomessi minnu riċentement għat-testjar, kollha rriżultaw fil-pożittiv għas-sostanza tal-cannabis u jew kokaijna.

**Il-provi f'din il-kawża jimmanifestaw bl-iktar mod skjett l-effetti tal-użu tad-droga sintetika u l-perikoli li toħloq mhux biss għall-utent, li jirriskja jiddanneġġja lil moħħu irrimedjabbilment, iżda wkoll u iktar sinjifikanti minn hekk, għas-soċjeta' in ġenerali li tibqa' esposta kontinwament għall-aggressjoni u vjolenza li l-karba għad-droga ġġib magħha. Dan iċ-ċirku vizzjuż li nqabad fih l-imputat għandu jitwaqqaf b'mod permanenti u definittiv qabel jista' jirrientegra ruħu fis-soċjeta'. Is-soċjeta' jistħoqqilha tkun protetta kontra l-effetti tal-użu tad-droga l-iktar dik sintetika li tippreżenta problemi u sfidi ġodda u kumplessi iżda dejjem negattivi u perikolużi. Din il-protezzjoni tista' tiġi assigurata biss bl-inkarċerazzjoni tal-imputat, anke f'istituzzjoni għar-rijabilitazzjoni kontra l-abbuż tad-droga.**

[36] B'digriet tas-27 ta' Ottubru 2022.

Fi kwalsiasi każ, għall-fini tal-piena l-Qorti għandha idejha marbutin u ma tistax ma terogax piena ta' priġunerija effettiva li, fi kwalsiasi każ, hi meħtieġa u mistħoqqa wkoll minħabba l-gravita' u estremi ta' vjolenza tar-reati tiegħu, kif ukoll għaliex iż-żmien li għalih l-imputat jibqa' inkarċerat żgur ser jgħin mhux biss biex iħallas għal egħmilu iżda wkoll biex jista' jiffoka l-isforzi tiegħu fuq ir-rijabilitazzjoni u stabbilita' li tant għandu bżonn, liema rijabilitazzjoni l-Qorti hi konvinta li tista' tkun effettiva biss jekk l-imputat jifhem ukoll il-konsegwenzi ta' egħmilu u japprezza l-għajb li dan ġab miegħu għall-vittmi tiegħu u l-familji tagħhom.

Kif ingħad diġa' l-imputat m'huwiex fil-preżent fi stat li jifforma parti mill-komunita' u għadu ma weriex xi qies sinjifikanti ta' stabbilita' u li jista' jżomm 'il bogħod mid-droga minkejja, għandu jingħad, huwa fortunat ferm li għandu appoġġ u mħabba kbira mill-familjari tiegħu li bla dubju sejrin jibqgħu jappoġġjawh matul iż-żmien kollu li jeħtieġ li jirriforma ħajtu u jista' jikkontribwixxi pożittivament lejn is-soċjeta'.

Il-Qorti hi prekluża milli tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Kap. 9 u tagħti lill-imputat xi sanzjoni komunitarja mhux biss għaliex ir-reati taħt l-artikolu 274(b) u 277(a) tal-Kap. 9 huma punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin iżda wkoll illi ma tarax li jeżistu ċirkostanzi li jkunu jimmeritaw li l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u filwaqt li ma ssibx ħtija għas-sitt imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9, wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 214, 215, 216(1)(b), 221(3)(a), 221(3)(b), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(b)(ċ)(d), 277(a), 279(a), 280(2), 309, 310(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil RAMON ATTARD ħati tal-imputazzjonjiet l-oħra kollha u ħati wkoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah sitt (6) snin priġunerija effettiva.**

**Billi qiegħda ssibu ħati wkoll li kkommetta reat volontarju waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija ta' ħmistax-il xahar sospiża għal sentejn, mogħtija fl-24 ta' Mejju 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta, qiegħda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tittratta mal-ħati dwar is-sentenza sospiża u tordna li din is-sentenza għandha tibda sseħħ.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih javża, permezz ta' kopja, lill-qorti li tkun tat is-sentenza, bil-metodu adott, u sabiex jagħmel in-notamenti meħtiega skont is-subartikoli (4) u (5) tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna rilaxx ta' mobile phone tad-ditta Samsung li jinsab fl-evidence bag SC00298750 (Dok. LZ12; KA 104/2022) lil Pierre Caruana u tordna wkoll ir-rilaxx tal-kartiera griża li tinsab fl-istess evidence bag (Dok. LZ15; KA 104/2022) lil David Parnis.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil RAMON ATTARD għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta' elf, tliet mija u tnejn u tletin Euro u tmienja u tletin ċentemu (€1,332.38) rappreżentanti l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u periti fil-proċeduri u dan fi żmien sena[37].**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata t-trattament meħtieġ biex jindirizza u jegħleb il-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga, senjatament droga sintetika, kif ukoll ix-xorb alkoħoliku, kif ukoll biex jingħata kull għajnuna psikoloġika li jista' jeħtieġ.**

---

[37] €103.75, Dok. MLM1, Dr. Marisa Mifsud; €325.81, Dok. EC2, Dr. Edward Cherubino; €902.82 Dok. AC1, Alvin Cardona.

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation u Parole biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati u jimplimentaha.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Pierre Caruana, David Parnis, Maureen Elizabeth Tabone u Anand Bahadur Dangi għal żmien tliet (3) snin li jibdew jiddekorru hekk kif tiġi skontata l-piena ta' priġuinerija.**

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

DR. RACHEL MONTEBELLO
MAĠISTRAT.